**Emenda 136**
**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**
f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport** **A8-0251/2016**
**Vicky Ford**
Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi
COM(2015)0750 – C8-0358/2015 – 2015/0269(COD)

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 91/477/KEE
Artikolu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Artikolu 6*** | ***imħassar*** |
| ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa biex jipprojbixxu l-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar u tal-munizzjon ikklassifikati fil-Kategorija A u biex jeqirdu dawk l-armi tan-nar u l-munizzjon li jiksru din id-dispożizzjoni u jissekwestrawhom.*** | |
| ***L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-korpi kkonċernati bl-aspetti kulturali u storiċi tal-armi u rikonoxxuti bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tiegħu biex iżommu fil-pussess tagħhom armi tan-nar ikklassifikati fil-Kategorija A mixtrija qabel [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], diment li dawn ikunu ġew diżattivati skont id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 10(b).*** | |
| ***L-akkwist tal-armi tan-nar u tal-partijiet tagħhom u tal-munizzjon li jikkonċernaw il-Kategoriji A, B u C b'mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*), għandu jiġi awtorizzat biss għan-negozjanti u għas-sensara u għandu jkun soġġett għall-kontrolli stretti tal-Istati*** | |

***Membri.***

______________

***(*) Id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19)."***

Or. en